



L-ambjent huwa dak kollu ta' madwarna. Fil-Parti 1 sejr in tesploraw l-ekosistemi lokali u tinvestigaw kif l-affarijiet kollha ħajjin (il-pjanti, l-annimali u l-organiżmi) jinteraġġixxu ma' xulxin u l-ambjenti mhux ħajjin tagħhom (it-temp, id-dinja, ix-xemx, il-ħamrija, il-klima u l-atmosfera). Fil-Parti 2 tal-proġett ser iżżuru azjenda agrikola li taħdem l-art. Hemm sejr in taraw kif il-bdiewa jaħdmu għalina, mhux biss billi jipproduċu ikel tajjeb għas-saħħa iżda wkoll billi jipproteġu n-natura u jissalvagwardjaw l-ambjent u l-bijodiversità tiegħu.

## Parti 1

Billi taħdmu fi gruppi ta' tlieta **siru ġurnalisti ekoloġiċi** għal żona ta' 2 m<sup>2</sup> fil-grawnds tal-iskola tagħkom, fit-triq jew f'park fil-viċinanzi. Skopru u rreġistraw dak kollu li tistgħu dwar ir-roqgħa art tagħkom, l-istruttura tal-ħamrija, dak li jgħix f'din l-ekosistema, x'jikber fiha, l-affarijiet kollha ħajjin u mhux ħajjin li jiddependu fuq xulxin. Kull żona għandha tkun differenti kemm jista' jkun f'termini ta' bijodiversità (eż. żona b'sodda tal-fjuri, taħt is-siġar, art bil-ħaxix, fid-dell, viċin ta' għadira).

Id-dawl tax-xemx, l-ilma, l-arja, l-ikel (in-nutrijenti) u ħabitat huma dak kollu li l-ħajja teħtieġ. Irreġistraw l-insetti u l-pollinaturi fil-ħabitat tagħkom – dawn probabbilment se jinkludu n-naħal, li huma l-pollinaturi l-aktar li jintgħarfu! Ħudu ritratti tal-invertebrati li ssibu u użaw gwidi għall-identifikazzjoni biex tfittxuhom.

Bħala grupp, iddeċiedu t-tema prinċipali tal-ħabitat tagħkom, kif sejr in tirreġistraw is-sejbiet tagħkom u x'tip ta' ċarts u dijagrammi sejr in tużaw biex tippreżentaw ir-riżultati tagħkom.





## Parti 2

Billi tużaw dak li tgħallimtu, **ippreparaw għal żjara f'azjenda tal-kulti-vazzjoni tar-raba'**. Iddiskutu l-mistoqsijiet li ser tistaqsu u l-ħabitats u l-ekosistemi li tistennew li ser issibu fl-azjenda agrikola. L-intestaturi jistgħu jinkludu: it-tip ta' għellejjel imkabbrin; il-prattiki ta' żriegħ u newba; il-makkinarju użat; u s-suq għall-għelejjel. Agħżlu voluntiera li ser jistaqsu l-mistoqsijiet matul iż-żjara tagħkom.



Ġibu l-kameras tagħkom għaż-żjara sabiex tippreparaw għal esej bir-ritratti meta tiġu lura. Identifikaw il-protezzjonijiet ambjentali li l-bidwi juża. L-UE tgħin lill-bdiewa jiġġestixxu l-ambjent waqt li jipproduċu ikel ta' kwalità għolja.

Innotaw kif it-tniġġis jiġi evitat u kif jiġu mifruxa l-fertilizzanti. Il-bidwi huwa involut fi kwalunkwe skema ambjentali biex jipproteġi u jtejjeb il-bijodiversità fuq l-azjenda agrikola tiegħu? Pereżempju, it-truf tal-għelieqi jitħallew mhux ikkoltivati, il-ħabitats selvaġġi huma miżmuma, il-bijodiversità hija mħeġġa u l-isprejs evitati?



Meta tmorru lura fil-klassi użaw ir-ritratti li l-grupp tagħkom ikun ħa biex toħolqu esej bir-ritratti. Iddeċiedu dwar it-tema tagħkom u agħżlu u editjaw sensiela ta' ritratti sabiex dawn ikunu rranġati b'mod li jgħidu l-istorja tat-tema tagħkom u permezz ta' dan kif l-UE tista' tgħin il-bdiewa jippreservaw ir-riżorsi naturali. Żidu tagħrif mas-slideshow tal-esej tar-ritratti tagħkom u ppreżentawha lill-udjenza tagħkom.



Kont taf li madwar 85 % tal-pjanti tal-għelejjel Ewropej jiddependu, tal-anqas parzjalment, fuq il-pollinazzjoni permezz tal-insetti, bħan-naħal selvaġġi, in-naħal tal-għasel u l-hoverflies?